



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2012/2293 (INI)

3.4.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-akkomodazzjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea
(2012/2293(INI))

Rapporteur: Mojca Kleva Kekuš

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi d-dritt għall-akkomodazzjoni għandu jiġi salvagwardjat fil-prattika billi jiġi żgurat li ċ-ċittadini u l-familji jkollhom akkomodazzjoni adegwata li taqdi l-ħtiġijiet tagħhom u tiżgura l-benessri, il-privatezza u l-kwalità tal-ħajja tagħhom, u b'hekk tgħin biex jinkisbu l-ġustizzja soċjali u l-koeżjoni u jiġu indirizzati l-esklużjoni soċjali u l-faqar;
- B. billi l-Artikolu 11 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali¹ tan-Nazzjonijiet Uniti jirrikonoxxi 'd-dritt ta' kull persuna għal livell ta' għajxien adegwat għaliha nnifisha u għall-familja tagħha, inkluż ikel, ilbies u akkomodazzjoni adegwati, u għat-titjib kontinwu tal-kondizzjonijiet tal-għajxien. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jiżguraw il-kisba ta' dan id-dritt, filwaqt li jirrikonoxxu f'dan is-sens l-importanza fundamentali tal-kooperazzjoni internazzjonali bbażata fuq il-kunsens liberu';
- C. billi l-politika tal-akkomodazzjoni soċjali hija parti integrali mis-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali li jgħinu biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni, jiffaċilitaw l-aċċess għall-proprjetà, jippromwovu l-kwalità tal-ispazju tal-għajxien, itejbu l-ispazju tal-għajxien eżistenti u jadattaw l-ispazju tal-akkomodazzjoni għas-sitwazzjoni familjari u r-riżorsi tal-okkupanti, filwaqt li jħallu opportunità għall-isforz min-naħa tagħhom;
- D. billi l-akkomodazzjoni soċjali għandha tkun karatterizzata minn rapport tajjeb bejn il-kwalità u l-prezz tax-xiri jew il-kera, għandha tippermetti t-tifdil enerġetiku u għandha tkun f'ambjent li jinkludi spazji ħodor u li jkun xieraq għal ġenerazzjonijiet differenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal u tal-anzjani;
- E. billi d-dritt eżegwibbli għall-akkomodazzjoni huwa dritt fundamentali għal kull individwu u kondizzjoni għall-aċċess għall-eżistenza soċjali, il-ħajja privata u l-ħajja tal-familja, il-mistrieħ, l-impjieg, u biex wieħed ikollu kont tal-bank u jivvota fl-elezzjonijiet; billi l-akkomodazzjoni għalhekk hija fundamentali għall-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet fundamentali l-oħra kollha;
- F. billi fl-2010, 24.5 % tan-nisa kienu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali;
- G. billi n-nisa b'introjtu baxx bosta drabi jsibu ruħhom f'diffikultajiet serji fir-rigward tal-akkomodazzjoni, u għalhekk huma f'riskju akbar li jgħixu f'ambjenti mhux sikuri u li huma ta' ħsara għas-saħħa;
- H. billi d-differenzi fil-pagi skont il-ġeneru, u konsegwentement, id-differenzi fil-pensjonijiet skont il-ġeneru għandhom impatt sinifikanti fuq il-kapaċità tal-akkwist u l-istabbiltà ekonomika tan-nisa u għandhom waħda mir-raġunijiet ewlenin għalfejn in-nisa, f'fażi aktar avvanzata ta' ħajjithom, isibu rwieħhom taħt il-linja tal-faqar;

¹ Assemblea Ġenerali, Riżoluzzjoni 2200 A (XXI), 16.12.1966

- I. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika u l-politiki ta' awsterità komplew kabbru l-inattività u l-prekarjetà tas-sitwazzjoni tal-impjeg ta' ċerti nisa, żiedu r-rata tal-qgħad fost in-nisa (speċjalment fost in-nisa żgħażaġh u l-ġenerazzjoni ta' dawk li għandhom aktar minn 50 sena) - fejn nisa akbar fl-età ntlaw b'mod partikolari minħabba diskriminazzjoni persistenti fis-suq tax-xogħol, żiedu l-għadd ta' dawk li jeħtieġu akkomodazzjoni bi prezz li jintlaħaq u rażżnu l-progress fir-rigward tal-provvediment ta' għażliet ta' akkomodazzjoni għal nisa żvantaġġati; billi l-introjtu baxx u l-qgħad jagħmluha diffiċli għan-nisa biex jissellfu mill-banek u jaċċedu għall-finanzjamenti;
- J. billi d-diffikultajiet ekonomiċi wasslu għal miżuri ta' awsterità, b'mod partikolari fis-settur pubbliku, u billi, f'hafta Stati Membri tal-UE, is-settur pubbliku huwa wieħed mis-setturi dominati min-nisa, il-paġi tan-nisa tnaqqsu b'mod qawwi u għalhekk aktar u aktar nisa huma fost l-ifqar sezzjonijiet tal-popolazzjoni fl-Unjoni Ewropea;
- K. billi l-effetti tal-kriżi jikkoinċidu ma' sitwazzjoni diġà eżistenti li fiha n-nisa huma spiss il-vittmi ta' stereotipi u diskriminazzjoni kemm fix-xiri tad-djar kif ukoll fil-kiri, minħabba r-riżorsi finanzjarji limitati tagħhom u għaliex nisa weħidhom u familji mmexxija minn nisa adulti weħidhom bit-tfal huma spiss meqjusa b'hafta inkwilini aktar riskjużi jew suġġetti inaffidabbli f'termini ta' h'las u ta' h'ruġ mill-kuntratt minħabba r-rilokazzjoni tal-familja għal post ieħor;
- L. billi l-ommijiet weħidhom, il-familji żgħażaġh, in-nisa f'xogħlijiet imħallsin ftit, iż-żgħażaġh fil-bidu tal-karrieri tagħhom, in-nisa migranti, il-persuni b'diżabilità, in-nisa romol bi tfal dipendenti, in-nisa minn gruppi ta' minoranzi, in-nisa vittmi tal-vjolenza domestika u l-anzjani, partikolarment nisa anzjani b'pensjonijiet baxxi, huma partikolarment milquta min-nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali adattata u bi prezz li jintlaħaq; billi dan il-grupp ta' nies huma partikolarment vulnerabbli li jispiċċaw bla dar u sikwit jispiċċaw jgħix f'akkomodazzjoni ta' livell baxx tas-suq privat, u dan iżid b'mod sostanzjali r-riskju tagħhom ta' problemi tas-saħħa; billi dawn in-nies sikwit ifittxu soluzzjonijiet alternattivi billi jmorru jgħixu mal-familja, h'bieb jew konoxxenzi, u dan ma jippetmettix li ssir analiżi korretta u dokumentazzjoni trasparenti ta' persuni bla dar;
- M. billi l-kundizzjoni ta' nuqqas ta' dar sikwit tiġi meqjusa li tolgot prinċipalment lill-irġiel; billi, madankollu, ir-riċerka wriet li l-forma tipika ta' din il-kundizzjoni fost in-nisa jidher li hija 'moħbija'; billi l-istrateġiji tan-nisa li jevitaw li jispiċċaw fit-triq billi joqogħdu mal-familja jew mal-h'bieb mhumiex soluzzjonijiet xierqa;
- N. billi l-kriżi ekonomika u l-prezzijiet tas-suq tal-akkomodazzjoni jnaqqsu l-kapaċità tan-nisa li jiddivorzjaw jew itemmu l-koabitazzjoni, u b'hekk jillimitaw il-libertà tagħhom u jagħmluhom aktar vulnerabbli għall-vjolenza domestika bbażata fuq il-ġeneru;
1. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom ikabbru l-għażla ta' akkomodazzjoni bi prezz li jintlaħaq u jappoġġaw lin-nisa biex jiksbu l-indipendenza finanzjarja, billi joffrullhom kundizzjonijiet li jiffaċilitaw aktar ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja tal-familja filwaqt li jitqiesu l-iskedi u l-isfidi urġenti ta' kuljum tagħhom; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi mmirati biex jillimitaw is-settur tal-akkomodazzjoni soċjali tal-Istati Membri u dwar l-approċċ restrittiv tal-Kummissjoni fil-politika tal-kompetizzjoni li jillimita d-definizzjoni ta' servizzi soċjali ta' interess ġenerali għal akkomodazzjoni soċjali għall-persuni soċjalment żvantaġġati biss;

2. Jenfasizza n-nuqqas serju ta' għażla ta' akkomodazzjoni adegwata adattata għall-qadi tal-ħtiġijiet ta' persuni anzjani u persuni b'diżabilità, u b'mod aktar speċifiku ta' akkomodazzjoni li tippermettilhom jgħixu ħajja indipendenti għal itwal żmien possibbli;
3. Jenfasizza l-importanza ta' sistema ta' klassifikazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-akkomodazzjoni li tipprovdi valutazzjoni msejsa fuq is-saħħa ta' perikli relatati mal-akkomodazzjoni;
4. Jenfasizza l-ħtieġa ta' politiki tal-akkomodazzjoni trasparenti sabiex jingħata kontribut kruċjali għall-ugwaljanza bejn is-sessi;
5. Ifakkar li fl-2009 l-għadd ta' ommijiet weħidhom kien seba' darbiet akbar mill-għadd ta' missirijiet weħidhom; hu tal-fehma, għaldaqstant, li flimkien ma' gruppi jew individwi vulnerabbli oħra bħall-ġenituri weħidhom, il-familji żgħażaġh, il-familji kbar, iż-żgħażaġh fil-bidu tal-karrieri personali tagħhom, in-nisa migranti, il-persuni b'diżabilità u l-anzjani, in-nisa weħidhom għandhom jingħataw prijorità fl-allokazzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali; jinnota li meta bdiet il-kriżi ekonomika, din kellha impatt akbar fuq l-irġiel milli fuq in-nisa, iżda aktar tard, il-kriżi żiedet ir-rata tal-qgħad fost in-nisa aktar minn dik tal-irġiel;
6. Jenfasizza li, filwaqt li l-eżistenza ta' akkomodazzjoni soċjali adattata għal diversi persuni li jeħtieġu l-assistenza hija essenzjali, u minħabba r-rwol importanti tagħha fl-eredikazzjoni tal-faqar tal-familji u l-prevenzjoni tat-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-iżvantaġġi, huwa daqstant ieħor importanti li tali akkomodazzjoni tkun disponibbli b'kera li tista' tintlaħaq, u li għal din ir-raġuni it-terminu 'kera raġonevoli' għandha tiftiehem li tfisser kera li tkun aktar baxxa mir-rata kummerċjali;
7. Jistieden lill-Istati Membri jikkollaboraw mas-settur privat u jinvestu fl-akkomodazzjoni soċjali biex tiġi evitata s-segregazzjoni soċjali u b'hekk ikun provdut ambjent stabbli u sikur, b'mod partikolari għal individwi u gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli bħan-nisa b'impjiegi b'introjtu baxx, il-familji żgħażaġh, il-familji kbar, il-familji b'ġenitur wieħed, iż-żgħażaġh fil-bidu tal-karrieri tagħhom, in-nisa migranti, il-persuni b'diżabilità, in-nisa minn gruppi ta' minoranza u l-anzjani, b'mod partikolari nisa anzjani b'pensjonijiet baxxi;
8. Jistieden lill-Istati Membri jassumu r-responsabbiltà li jggarantixxu d-dritt tal-akkomodazzjoni għal kulħadd, b'mod partikolari billi jniedu programmi ta' akkomodazzjoni għal ċittadini inqas għonja, jipprovdu inċentivi għall-promozzjoni ta' akkomodazzjoni bi prezz kontrollat, jibnu akkomodazzjoni soċjali għall-kiri, jippromwovu u jiffinanzjaw programmi ta' awtokostruzzjoni, jappoġġaw is-settur tal-kooperattivi, iniedu politiki ta' kreditu effikaċi u non-spekulattivi u jirregolaw suq tal-kera non-spekulattivi;
9. Jenfasizza li l-aspetti differenti tal-kundizzjoni ta' nuqqas ta' dar fost in-nisa iridu jiġu indirizzati b'mod olistiku u għandhom jiffurmaw parti integrali mill-oqfsa tal-politika kollha tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu valutazzjonijiet tal-impatt u monitoraġġ sistematiki u bbażati fuq il-ġeneru tas-sitwazzjoni u tal-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa bla dar, biex jippromwovu proġetti ta' ambjent tal-għajxien assistit u l-bini ta' akkomodazzjoni bi prezz li jintlaħaq, adattata u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u biex jinkludu l-familji ta' klassi medja – li sikwit huma esklużi minn skemi ta' dan it-tip – fi

programmi ta' akkomodazzjoni soċjali peress li dawn, bħal unitajiet domestiċi oħra, jistgħu jġarrbu nuqqasijiet materjali minħabba l-kriżi ekonomika;

10. Jinnota b'dispjaċir li l-vittmi tal-vjolenza domestika sikwit ikollhom tendenza akbar li jibqgħu f'ambjent ta' abbuż jekk ikunu jiddependu finanzjarjament fuq min jabbuża minnhom u għalhekk ma jkunux jistgħu jfittxu akkomodazzjoni separata xierqa għalihom infushom; jitlob, għaldaqstant, li l-UE tippromwovi politiki, programmi u finanzjament sensitivi għall-ġeneri li jżidu l-aċċess għal akkomodazzjoni sikura u bi prezz li jintlaħaq għall-vittmi tal-vjolenza domestika, u jistieden lill-Istati Membri jsibu soluzzjonijiet bi prezz li jintlaħaq għal forom alternattivi ta' akkomodazzjoni ta' emerġenza u temporanja u jżidu l-għadd ta' ċentri ta' akkoljenza u ta' riabilitazzjoni għall-vittmi, kif ukoll servizzi soċjali oħra relatati bħal servizzi integrati għall-familji (i.e. ċentri tal-ġustizzja tal-familja);
11. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu valutazzjoni tal-impatt soċjali b'enfasi fuq analiżi msejsa fuq il-ġeneri u fuq l-unitajiet domestiċi bħala parti mill-politiki u l-programmi kollha tal-akkomodazzjoni soċjali, filwaqt li b'mod partikolari titqies id-disparità fl-introjt u fir-riżorsi finanzjarji; jenfasizza li d-data kollha tal-istatistika jeħtieġ tiġi mqassma skont il-ġeneru u t-tip ta' unità domestika u li tinħtieġ aktar riċerka biex jiġi aċċertat bl-eżatt kif il-politiki tal-akkomodazzjoni jistgħu jappoġġaw individwi u gruppi f'sitwazzjoni vulnerabbli bħan-nisa (filwaqt li jitqies ir-rwol multiplu tan-nisa bħala ġenituri weħidhom u dawk li jindokraw lill-membri tal-familja u lill-persuna b'diżabilità), il-familji, iż-żgħażaġh, il-persuni b'diżabilità u l-anzjani;
12. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni¹ għal Direttiva dwar ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà residenzjali u jinnota li ħafna familji li kellhom ipoteki kienu vittmi ta' għeluq qabel iż-żmien abbużiv; jitlob li jittieħdu passi eċċezzjonali biex jiġu ggarantiti d-drittijiet għall-akkomodazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-konsegwenzi soċjali drammatiċi tal-iżgumbramenti jiġu indirizzati b'mod effikaċi;
13. Jinnota li l-politiki u l-programmi tal-akkomodazzjoni jeħtieġ jiġu żviluppati b'konsultazzjoni man-nisa b'introjt baxx u minn kuntesti soċjali differenti sabiex wieħed jara liema politiki jikkorrispondu l-aħjar għall-ħtiġijiet tan-nisa.

¹ COM(2011)142

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|--|
| Data tal-adozzjoni | 20.3.2013 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 26 -: 0 0: 1 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Regina Bastos, Edit Bauer, Marije Cornelissen, Edite Estrela, Iratxe García Pérez, Mikael Gustafsson, Livia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Silvana Koch-Mehrin, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Astrid Lulling, Elisabeth Morin-Chartier, Norica Nicolai, Angelika Niebler, Siiri Oviir, Antonyia Parvanova, Raül Romeva i Rueda, Marc Tarabella, Britta Thomsen, Anna Záborská, Inês Cristina Zuber |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Silvia Costa, Anne Delvaux, Mariya Gabriel, Mojca Kleva Kekuš, Katarína Neveďalová, Angelika Werthmann |